# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Dicembru 2021**

**Rikors nru : 281/2021 AGV**

**RM**

**v.**

**SC**

**Il-Qorti rat ir-rikors ta' RM**

Fejn esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (11.05.2002), mill-liema zwieg huma kellhom żewġ ulied (ara ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok A**);
2. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Ruth Antoinette Antoncich datat erbgha ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (4.01.2018). Illi huma resqu ghall-amenda tal-istess kuntratt permezz ta'

kuntratt iehor datat 13 ta' Gunju 2019 in atti Nutar Dr Sharon Faith Farrugia (ara kopja legali tal-kuntratti hawn anness u mmarkat bħala **Dok B**);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi l-esponenti tiddikjara illi qatt ma kien hemm kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet, stante illi l-ebda parti ma hija dovuta taghti manteniment ai termini tal-klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni filwaqt li l-manteniment ghall-ulied minuri qed jithallas regolarment skont l-istess kuntratt;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' SC** datata 25 ta' Novembru 2021 fejn espona bir-rispett;

Illi preliminarjament l-esponenti jikkontendi li huwa minnu li l-partijiet ilhom kwazi erba' snin separati u li bejniethom ma hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni;

Illi effetivament l-esponenti jaqbel ukoll li bhala stat ta’ fatt ma hemmx arretati ta’ manteniment, u ghalhekk ma ghandux oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promutur;

Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Tant ghandu x’ jissometti l-esponenti f’ dal-istadju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**